MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 69/2010/1

**Luke Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent appellanti minn sentenza moghtija fil-15 ta’ Frar, 2011 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u li cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

Bir-rikors tieghu tat-12 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent appellanti talab li ghar-ragunijiet premessi fl-isess rikors l-ewwel Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara li bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2010 gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fl-Artikolu 39 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii. Tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2010 fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza u konsegwentement tirrevoka l-piena ta' habs imposta bl-istess sentenza;

iii. Sussidjarjament tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali limitatament sabiex jigi deciz il-parti tat-tieni aggravju fejn gie kontestat is-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tielet reat ;

iv. Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni; u

v. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

*Ir-rikors promotorju tal-gudizzju*

**2.** Il-premessi fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fuqhom ir-rikorrent appellant ibbaza t-talbiet tieghu huma s-segwenti:

"Illi r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti akkuzat talli:

"(i) fil-15 ta' Mejju 2006, ghall-habta tal-4.30pm, fin-Naxxar, ikkometta serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KBC 857, li kien fiha senter tal-kacca, cinturin mimli bl-iskratacc, u affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga

misruq u l-valur li jeccedi l-elf lira (LM1000) sar ghad-dannu ta' Raymond Pirotta min-Naxxar;

"(ii) fl-istess data, bejn l-4.30pm u l-4.50pm, f'lokalitajiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg u cioe' l-vettura u l-affarijiet imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

"(iii) fil-15 ta' Mejju 2006, bejn l-4.30pm u l-4.50pm, f'lokalitajiet differenti f'dawn il-Gzejjer, kien fil-pussess jew kontroll, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar u cioe`, senter tal-kacca u minuzzjoni, minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija;

"(iv) fil-15 ta' Mejju 2006, bejn l-4.30pm u l-4.50pm, f'lokalitajiet differenti f'dawn il-Gzejjer, saq vettura u cioe` dik imsemmija aktar 'il fuq, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

"(v) kiser probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta' Marzu 2005 u lliberat bil-kundizzjoni kontemplati f'istess artikolu u cioe` li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

"Illi b'sentenza tas-16 ta' Ottubru 2009 il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrenti hati tat-tieni (ricettazzjoni), it-tielet (pussess ta' arma tan-nar minghajr id-debita licenzja) u l-hames (ksur ta' probation order) akkuzi filwaqt li lliberatu mill-ewwel (serq aggravat) u mir-raba' (sewqan minghajr licenzja u polza ta' assikurazzjoni) akkuzi u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn.

"Illi minn din is-sentenza r-rikorrent interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab, ghar-ragunijiet imressqa fl-istess rikors, li tigi riformata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-16 ta' Ottubru

2009, billi tigi konfermata f'dik il-parti fejn gie lliberat mill-ewwel u r-raba' akkuzi, u revokata fil-bqija jew, alternattivament, varjata f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.
"Illi l-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza. Ghalhekk, peress li r-rikorrent gie lliberat mill-akkuza ta' serq mill-Qorti tal-Magistrati u in kwantu ma gie nterpost ebda appell mill-Avukat Generali minn din is-sentenza fit-terminu mpost bil-ligi, l-azzjoni kriminali necessarjament giet estinta.

"Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Ottubru 2010, l-appell tar-rikorrent gie milqugh fis-sens li l-Qorti rriformat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati billi lliberat lir-rikorrent mit-tieni akkuza u minflok, bis-sahha ta' dak li jiddisponi s-subinciz (2) ta' l-artikolu 476 tal-Kodici Kriminali, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza limitatament ghas-serq ta' senter, cinturin u mwies izda mhux tal-van u kkonfermata fil-bqija fejn sabitu hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet inkluza l-ghoti tal-pieni ta' sentejn prigunerija.

"Illi ta' min isemmi li sfortunatament il-Qorti ta' l-Appell Kriminali lanqas ma kkunsidrat il-parti tat-tieni aggravju tieghu fejn kien qieghed gustament jikkontesta  s-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tielet akkuza, u cioe` l-pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Naturalment tali nuqqas huwawkoll leziv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq in kwantu, fil-mankanza ta' provi fil-konfront tieghu, huwa gie prekluz minn smigh dwar il-meritu tat-tielet akkuza.

"Illi hu risaput li meta l-azzjoni kriminali ghar-reat li jkun tigi estinta, ma jista' jsir xejn biex dik l-azzjoni tigi riattivata. Izda fis-sentenza in dizamina, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'decizjoni kontra l-ligi u lezivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, ghamlet dak li l-ligi ma tippermettix bil-konsegwenza li r-rikorrent qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija llegalment.

"Illi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ttiehdet a bazi tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 476 tal-Kodici Kriminali, liema

disposizzjoni giet introdotta permezz ta’ l-Att III ta’ l-2002 (u mhux l-Avviz Legali 3/2002 kif erronjament indikat mill-istess Qorti) u li tiddisponi hekk:

“Jekk persuna, fuq akkuza tas-serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta’ xi oggett tigi misjuba mhux hatja ta’ dik l-akkuza, il-guri jista’ jiddikjaraha hatja ta’ misapproprjazzjoni ta’ dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta’ dan; u, reciprokament, persuna fuq akkuza ta’ misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista’ tigi ddikjarata hatja ta’ serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta’ l-oggett involut jekk ikun hemm provi ta’ dan :

“Izda l-piena ma ghandha f’ebda kaz tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att ta’ l-akkuza”.

“Illi din id-disposizzjoni tinsab fit-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, u cioe` taht dak intitolat “Fuq il-Qorti Kriminali”. Tali disposizzjoni infatti hija wahda minn dawk fl-imsemmi Titolu li tirregola l-poteri tal-gurati quddiem il-Qorti Kriminali u ma tezisti assolutament ebda disposizzjoni li tirrendiha applikabbli ghal procedure quddiem Qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali ohra, bhalma hi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Lanqas ma tezisti xi gurisprudenza li tirrendi l-imsemmija disposizzjoni applikabbli ghal procedure quddiem l imsemmija Qorti ta’ l-Appell Kriminali kif, del resto, tezisti fir-rigward ta’ disposizzjonijiet ohra.

“Illi ghalhekk, meta gie biex jittratta r-rikors ta’ l-appell tieghu, ir-rikorrent ragjonevolment haseb li l-akkuzi li kienu ghadhom pendent kienu dawn li taghhom kien instab hati. Jinghad ragjonevolment ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ma kien hemm xejn fil-korp tal-ligijiet taghna li setgha jaghti x’jifhem li l-azzjoni kriminali dwar l-akkuzi li taghhom huwa kien gie lliberat setghu qatt jigu riattivati. Fit-tieni lok lanqas ma kien jirrizulta mill-gurisprudenza ta’ oltre mitt sena minn meta gie promulgat il-Kodici Kriminali li kien hemm xi interpretazzjoni li l-artikolu 476 (anke jekk qabel

l-emendi tas-sena 2002) kien japplika ghall-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

“Illi kien proprju ghalhekk li, kemm fir-redazzjoni tar-rikors ta’ l-appell tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu in sostenn ta’ l-imsemmi appell, ir-rikorrent ma ppresenta ebda difiza fir-rigward ta’ l-akkuzi li taghhom huwa kien gie lliberat.

“Illi, terga’, dak li jirrendi s-sitwazzjoni u l-lezjonijiet fil-konfront tieghu iktar gravi huwa l-fatt li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, bit-trovata leziva taghha, inghatat bhala fait accompli minghajr ma nghata ebda opportunita` li jiddefendi ruhu fuq dawn l-akkuzi.

“Illi, ghalhekk, a prescindere mill-applikazzjoni erronja tal-provvediment tal-ligi fuq citat, u minghajr pregudizzju ghall-istess, il-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghaddiet biex taghti decizjoni fuq l-ewwel akkuza wassal li minhabba f’dan, ir-rikorrent qatt ma laqa` jew kellu l-opportunita` li jilqa`, ghal tali akkuza fl-istadju ta’ l-appell u qatt ma kellu l-opportunita` li jiddefendi ruhu fuq din l-akkuza fl-istadju ta’ l-appell, proprju ghaliex il-proceduri ta’ l-appell qatt ma ttrattaw il-meritu ta’ din l-akkuza li dwarha ma kien sar l-ebda appell.

“Illi dana wassal sabiex ir-rikorrent, filwaqt illi gie liberat mit-tieni akkuza, ingustament nstab hati ta’ l-ewwel akkuza, u konsegwentement wehel piena ta’ prigunerija effettiva ta’ sentejn li b’effett mill-11 ta’ Ottubru 2010 qieghed jiskonta.

“Illi d-dritt sancit bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikolu 4 tas Seba’ Protocol tal-Konvenzjoni gie lez serjament bis-sentenza tal-Qorti ta’ l Appell Kriminali tal-11 ta’ Ottubru 2010. Fl-assenza ta’ appell da parti ta’ l-Avukat Generali u fl-assenza ta’ disposizzjoni ta’ procedura penali li taghti fakolta` lil dik il-Qorti li tirriattiva l-azzjoni kriminali f’kazijiet bhal dawk in dizamina, id-dritt tar rikorrent komunement maghruf bhala “ne bis in idem” u sancit bl-imsemmija disposizzjonijiet gie lez. Is-sentenza tal-11 ta’ Ottubru 2010 ghaddiet in gudikat – u cioe` saret

"res judicata" – appena skadew it-termini ta' l-appell tal Prosekuzzjoni u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kellha ebda dritt terga' tghaddih procedure kriminali fir-rigward ta' akkuza li kienet gja` giet definittivament deciza."

*Ir-risposta ghar-rikors promotorju tal-gudizzju*

**3.** Permezz ta' risposta tal-10 ta' Dicembru 2010 l-Avukat Generali wiegeb illi l-Qorti kellha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

"1. Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrent jittenta juza din il-procedura kostituzzjonali bhala mezz biex jappella minn decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali u li llum hija res judicata, u jlibbsuha konvenjentement b'libsa kostituzzjonali, din il-procedura hija abuziva u frivola u vessatorja u tirridikola din il-procedura straordinarja kostituzzjonali .

"2. Illi preliminarjament iridu jkunu allegati l-atti ta' natura kriminali kollha biex hekk il-Qorti jkollha quddiemha dak li sehh fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent.

"3. Illi rigward id-diversi punti ta' natura penali li jissemmew fir-rikors promotur jinghad li :

"- F'dan il-kaz kienu nhargu l-artikoli mill-Avukat Generali u mbaghad il-procedura kienet wahda sommarja, u naturalment ir-rikorrent qabel li dan isir. Ghalhekk sal-istadju fejn inhargu l-artikoli, dawn kienu proceduri destinati li jintemmu b'guri u l-kompetenza dwar ir-reati in kwistjoni hi wahda ta' qorti superjuri. Hu maghruf li l-procedura sommarja tolqot biss il-lat procedurali imma mhux ir-reat in kwistjoni, li jibqa' dejjem ta' kompentenza ta' qorti superjuri. Ghalhekk meta l-Qorti tal-Appelli Kriminali kkwotat u agixxiet a bazi tal-artikolu 476(2) tal-Kap. 9, ma kienet qed taghmel xejn barra mill-poteri taghha, tenut kont li bhala reati li bihom kien akkuzat ir-rikorrent, u li dwarhom kienet qed tiddeciedi l-Qorti tal-Appelli Kriminali, huma ta' kompetenza superjuri. Dan ifisser li l-Qorti kienet korretta meta minkejja li ma kienx

hemm appell dwar il-liberatorja mill-akkuza ta’ serq, bl-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu, sabet htija fuq serq ta’ xi oggetti. Ifisser ukoll li mhux korrett dak li jinghad mir-rikorrent li l-akkuza ta’ serq kienet estinta u dan peress li jezisti l-artiklu 476(2). Ta’ min jghid ukoll li l-gurisprudenza tghallimna li l-artiklu 476(2) kien applikat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati.

“- Illi ta’ min jghid ukoll li l-artiklu 476(2) jittratta c-cirkostanza meta jkun hemm biss akkuza ta’ serq (jew alterattivament akkuza biss ta’ misapproprjazzjoni) u ma jkunx hemm akkuza fuq ir-reat l-iehor. Jigifieri l-legislatur ipprovda li anke jekk m’hemmx akkuza dwar xi wiehed minn dawn ir-reati, il-Qorti tista’ ssib htija fuqu. Kemm iktar allura jregi l-argument tal-esponent li dan seta` jsehh u setghet tinstab htija fi stadju t’appell fuq akkuza ta’ serq li kienet hemm sa mill-bidu, u li ngabu l-provi dwarha u saru s-sottomissjonijiet necessarji dwarha ?

“- Illi ta’ min isemmi wkoll l-artiklu 428(6) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li f’kaz ta’ appell fuq il-mertu (kif kien dan il-kaz), il-Qorti tal-Appelli Kriminali tista’ jew tikkonferma s-sentenza appellata jew timmodifikaha jew tirrevokaha pero’ l-legislatur ma dahalx f’iktar dettall dwar kif ghandha tiddeciedi l-Qorti tal-Appelli Kriminali.

“- Ghalhekk jinghad li l-ligi ma tipprovdix car dwar jekk il-Qorti tal-Appelli Kriminali tistax jew le tiddeciedi fuq punt li dwaru ma kienx hemm appell. L-importanti hu li f’kaz ta’ appell mill-akkuzat, il-piena ma tizdiedx (artiklu 428(7)) u dan kien segwit fil-kaz odjern.

“4. Illi rigward l-allegazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrent, l-esponent iwiegeb li m’hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u dan minhabba r-ragunijiet hawn isfel imsemmija.

“5. Illi rigward l-allegazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali ta’ smigh xieraq kif protett bl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni l-esponent jissottometti li:

"- ir-rikorrent ma jispecifikax fir-rikors promotur tieghu kif dan il-ksur allegatament sehh.

"- jinghad pero' li dan hu dritt procedurali u ghalhekk jekk ir-rikorrent qed jilmenta li ma jaqbilx mas-sentenza, jew li taghtu piena iktar milli kien jisthoqqlu, id-dritt ta' smigh xieraq ma japplikax ghal dawn l-ilmenti.

"- illi mbaghad rigward l-allegazzjoni li r-rikorrent ma kellux l-opportunita' li jiddefendi ruhu fil-Qorti tal-Appelli Kriminali dwar l-akkuza ta' serq, jinghad li r rikorrent hu tenut li jaf il-ligi u wkoll jinghad li l-akkuzi kienu li kienu sa mill-bidu nett tal-kawza u l-artiklu 476 kien jezisti wkoll qabel bdew il-proceduri kontra r-rikorrent.
"- Illi jrid jinghad ukoll li fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent gab il-provi kollha necessarji u ghamel is-sottomissjonijiet kollha tieghu. Imbaghad fir-rikors t'appell tieghu, talab li l-liberatorja dwar is-serq tkun konfermata. Seta' facilment inkluda din it-talba tieghu stess fis-sottomissjonijiet li ghamel lill-Qorti tal-Appell. Jekk m'ghamilx dan, kienet ghazla tieghu, imma kellu opportunita' shiha jaghmel dan. Ghalhekk ma jregix l-argument tar-rikorrent li sofra ksur tad-dritt ta' smigh xieraq ghax ma kellux opportunita` jiddefendi ruhu quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

"- Illi rigward dak li jinghad dwar l-aggravju ta' sejbien ta' htija fuq it-tielet akkuza, wiehed irid jara jekk il-Qorti effettivament semghetx lir-rikorrent izda ghal xi raguni fis-sentenza ma semmietx dan l-aggravju, jew inkella ma hallietx lir-rikorrent jittratta dan l-aggravju. Irid jinghad ukoll li jekk ir-rikorrent naqas minn rajt li jittratta dan laggravju, allura issa ma jistax jilmenta li qed isofri xi pregudizzju minhabba l-agir tieghu stess.

"- Illi jrid jinghad ukoll li biex ikun determinat jekk id-dritt ta' smigh xieraq kienx imhares, irridu nezaminaw il-procedura shiha u mhux punti partikolari minnha. Il-gurisprudenza tghallimna li anke jekk kien hemm xi nuqqas procedurali f'xi procedura gudizzjarja mhux necessarjament kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, ahseb u ara meta r-

rikorrent kellu l-opportunita` shiha biex jipprezenta l-kaz tieghu.

”6. Illi rigward l-allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt fundamentali kif protett bl-artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tas-Seba’ Protokol tal-Konvenzjoni (ne bis in idem), l-esponent jissottometti li r-rikorrent qed jaghti interpretazzjoni assurda ta’ dan id-dritt, meta hawn xi tratta ta’ procedura li kienet ghadha pendenti fl-appell u meta si tratta ta’ akkuzi ta’ serq u ricettazzjoni. Il-ligi kriminali kif ukoll il-gurisprudenza tghallimna li dawn iz-zewg reati ghalkemm distinti minn xulxin, huma hafna qrib ta’ xulxin u d-distinzjoni jekk persuna hix hatja ta’ wiehed jew l-iehor mhux dejjem tkun facli. Ghalhekk ma jregix l-argument ta’ ksur tad-dritt ta’ non bis in idem f’dawn ic-cirkustanzi.

“7. Illi rigward l-allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt talliberta` personali l-esponent jissottometti li lanqas dan iddritt ma japplika fil-kaz odjern. Ir-rikorrent wehel sentejn prigunerija bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali halliet l-istess piena, ghalkemm ghal ragunijiet differenti. Allura fejnu l-ksur ta’ dan id-dritt, tenut kont li fih eccezzjoni fis-subartiklu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u s-subartiklu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni?

“8. Illi dwar ir-rimedji mitluba, l-esponent jissottometti li dato ma non concesso, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tarrikorrent, ir-rimedju moghti jista’ jkun wiehed dikjaratorju u dan bhalma tghallimna l-gurisprudenza. Inkella rimedju iehor jista’ jkun li kollox jitqieghed lura fil-mument qabel inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, u l-atti jintbaghtu lura lil dik il-Qorti, ladarba l-lanjanzi tar-rikorrent huma biss dwar dik is-sentenza partikolari. L-esponent jissottometti li ladarba l-piena ta’ prigunerija kienet imposta mil-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appelli Kriminali sempliciment ikkonfermat din il-piena, m’ghandux ikun hemm dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti dwar dik il-piena“

**4.** Din il-Qorti rat ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet tal-appellant (fol. 541) u tal-Avukat Generali (fol. 554) pprezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet finali li saru oralment quddiem l-istess Qorti (fol. 561-578).

**5.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet quddiemha fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011.

**6.** Fis-sentenza taghha appellata l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-gudizzju u tar-risposta fuq imsemmija u wara li ghamlet rassenja ta' duttrina u gurisprudenza lokali u estera waslet ghall-konkluzjonijiet li gejjin:

"**<u>Konkluzjonijiet</u>**

"L-iskrutinju li trid taghmel din il-Qorti definittivament mhuwiex li tqis il-lanjanzi tar-rikorrent bhallikieku dan kien appell tat-tielet grad li mhuwiex permess fis-sistema guridiku taghna. Fl-istess waqt pero` huwa dmir ta' din il-Qorti li taccerta jekk il-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in kwistjoni jwasslux sabiex jigi stabbilit ksur tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

"Rilevanti hafna hija r-riferenza li saret mill-intimat fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu (pag.5) ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta` Gunju 2008 kif konfermata b`sentenza tal-istess Qorti fil-proceduri ta` ritrattazzjoni decizi fil-31 ta` Ottubru 2008 fil-kawza **<u>'Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija'</u>**. Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjamenti citati.

"Ghall-fini ta` aktar kjarezza, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li tghid jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali applikatx il-ligi sewwa ghall-fatti li kellha quddiemha. Propju ghaliex din mhix Qorti del *terzo grado*. Ir-rwol ta` din il-Qorti huwa li tistharreg jekk it-trattament tar-rikorrent mill-Qorti tal-Appell Kriminali jwassal ghall-accertament ta` ksur tal-jeddijiet

fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

“Naturalment unikament ghal dan il-fini, din il-Qorti mhijiex ser tonqos milli tikkunsidra l-argumenti ta` dritt li ressaq ir-rikorrent dwar l-applikazzjoni tad-dritt penali ghall-kaz de quo.

“Fil-kawza **<u>“Simon Brincat vs l-Onorevoli Prim’Ministru et”</u>** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta’ Gunju 1994 kien affermat li d-dritt ghal smigh xieraq mhux dritt minghajr ebda limitazzjoni imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura. U skartat bhala sorprendenti, disordinata u rragonevoli l-proposizzjoni li d-dritt ta` smigh xieraq m`ghandu jkollu l-ebda limitazzjonijiet ghax tali dritt huwa l-qofol ta` kollox. Il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk ghaliex id-dritt ghal smigh xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni irid jiftiehem fil-kuntest ta` *the rule of law*.

“F`dan l-isfond, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-kwistjoni dibattuta mill-partijiet dwar l-Art.476(2) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-diposizzjoni tal-Kodici Kriminali, jekk persuna fuq akkuza ta` serq sew jekk semplici jew ikkwalifikat tigi misjuba mhux hatja ta` dik l-akkuza tista` tigi ddikjarata hatja ta` l-akkuza ta` misapproriazzjoni ta` dak l-oggett jew ta` ricettazzjoni jekk ikun hemm provi ta` dan.

“Ghal din il-Qorti, il-kwistjoni tiehu zewg xejriet. Fl-ewwel lok, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali bhala punt ta` dritt setghetx tapplika dik id-disposizzjoni : ir-rikorrent ighid li ma setghetx filwaqt li l-intimat ighid il-maqlub. Fit-tieni lok, jekk bl-applikazzjoni ta` dik id-disposizzjoni, kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent.

“Bl-gharfien li l-interpretazzjoni tal-ligi hi, kwazi dejjem, kompitu difficli, is-soluzzjoni li ghandha tigi ricerkata timporta li jkun determinat, minn fost interpretazzjonijiet diversi, dik it-tifsira l-aktar sinjifikattiva u attinenti ghall-volonta` presumibbli tal-legislatur u forsi l-izjed ghall-bwon sens.

“Din il-Qorti diga` rreferit ghall-argumenti tar-rikorrent in sostenn tat-tesi tieghu li l-Art.476(2) jista` jigi applikat biss mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleggjalment komposta. Wara li hasbet fit-tul dwar din il-materja, din il-Qorti ssib li t-tesi tal-intimat kif espressa fl-argumenti li ressaq u diga` trattati hija legalment korretta mhux dik tar-rikorrent. In partikolari, din il-Qorti tqis bhala zbaljata l-konstatazzjoni tar-rikorrent meta jafferma f`pagna 6 tan-nota ta` osservazzjonijiet tieghu illi – *Lanqas ma tezisti xi gurisprudenza li tirrendi l-imsemmija disposizzjoni applikabbli quddiem l-imsemmija Qorti tal-appell Kriminali kif, del resto, tezisti fir-rigward ta` disposizzjonijiet ohra.* Forsi minn ricerka aktar akkurata da parti tar-rikorrent, kien jirrizultalu, kif fil-fatt irrizulta lil din il-Qorti minn ricerka li ghamlet hi, li l-Qorti tal-Appell Kriminali bhala Qorti ta` Appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, kif kien il-kaz tal-lum, ippronunzjat ruhha kjarament dwar l-Art.476(2) tal-Kodici Kriminali.

“Il-kaz fejn sar dan il-pronunzjament kienet il-kawza “**Il-Pulizija vs Diego Grixti et**”. Hemm l-akkuzati Grixti u Pace appellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. L-Avukat Generali ma appellax. Partikolarment fil-kaz ta` l-imputat Grixti, dan kien akkuzat, fost akkuzi ohra, bir-reati ta` serq u ricettazzjoni. L-Ewwel Qorti sabitu hati ta` serq u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza tar-ricettazzjoni peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza ta` serq.

“Fis-sentenza taghha tal-**1 ta` Dicembru 2008**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, presjeduta mill-Prim` Imhallef Vincent De Gaetano illum Imhallef tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma sabitx lil Grixti hati ta` serq izda sabitu hati ta` ricettazzjoni.

“Il-Qorti qalet hekk -

*““… Pero` fil-fehma tal-Qorti hemm provi sodisfacenti li jwasslu ghar-reat ta’ ricettazzjoni – it-tieni imputazzjoni li, korrettement, l-ewwel qorti astjeniet milli tippronunzja*

*ruhha dwarha peress li din l-imputazzjoni kienet "alternattiva" ghall-ewwel wahda (ara, a propositu, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Frar 2002 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mary Vella", u s-sentenzi hemm imsemmija, dwar il-possibilita` li din il-Qorti, cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, issib htija fir-rigward tal-imputazzjoni "alternattiva" flok l-imputazzjoni li dwarha l-ewwel qorti tkun sabet htija).* ***Apparti minn hekk, illum, bl-introduzzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 476 tal-Kodici Kriminali bl-Att III tal-2002, persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 tal-imsemmi Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk, din il-Qorti ser issib lil Grixti hati ta' ricettazzjoni ;*** *izda, peress li l-valur tal-oggetti ricettati ma giex stabbilit, din il-Qorti ser ikollha timxi, ghall-finijiet ta' piena, fuq l-anqas valur possibbli u cioe` dak kontemplat fil-proviso tal-Artkolu 285 tal-Kodici Kriminali."* (**enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti**)

"L-invokazzjoni tal-principju tad-dritt *ubi lex voluit dixit* da parti tar-rikorrent mhuwiex legalment sostenibbli fil-kaz in ezami. B`ebda mod il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz de quo ma ssostitwiet ruhha ghall-volonta` tal-legislatur jew ghamlet il-ligi minflok interpretatha jew applikatha. Kif tajjeb issottometta l-intimat, il-fatt li dik id-disposizzjoni kienet tinsab qalb id-disposizzjonijiet tat-titolu tal-Kodici dedikat lill-Qorti Kriminali b`ebda mod ma jfisser li dik id-disposizzjoni kellha ssib applikazzjoni biss fil-Qorti Kriminali u fl-Appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali. Mkien mal-legislatur ma haseb sabiex jeskludi l-applikazzjoni tal-Art.476(2) minn qrati ohra ta` idole penali.

"Konfermat anke minn din il-Qorti li l-Qorti tal-Appell Kriminali setghet tapplika l-Art.476(2) imiss li din il-Qorti tghid jekk bl-applikazzjoni ta` dik id-disposizzjoni fil-kaz tal-lum kienx hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh

xieraq *una volta* kien gie liberat mill-ewwel akkuza mill-Ewwel Qorti.

“Il-lanjanza tar-rikorrent tiehu zewg xejriet. Tal-ewwel, il-fatt li akkuza li minnha kien liberat regghet kienet konsiderata u deciza mill-gdid mill-Qorti tal-Appell bi ksur tal-principju ta` *ne bis in idem*. It-tieni, il-fatt li ma nghatax l-opportunita` jaghmel sottomissjonijiet.

“Din il-Qorti sejra tqis it-tieni punt qabel tal-ewwel. Tabilhaqq li l-appell tar-rikorrent sar dwar dawk l-akkuzi li dwarhom instab hati. Fl-istess waqt, huwa evidenti li t-trattazzjoni tal-appell kien jinvolvi wkoll il-mertu u ghaldaqstant ir-rikorrent kien messu rrealizza li l-Qorti tal-Appell setghet tirrikorri ghall-applikazzjoni tal-Art.476(2). Fil-fatt hekk dehrilha li kellha taghmel wara li sabet li l-*filwaqt li r-ragunament kemm dak fattwali kif ukoll legali tal-Ewwel Qorti huwa korrett u ma jistax jigi censurat, il-konkluzjoni hija zbaljata peress li l-awturi kollha jindikaw illi l-konkluzjoni kellha tkun wahda ta` serq u mhux dik ta` ricettazzjoni* (ara pagna 8 tas-sentenza kif tirrizulta riportata fl-*internet*). Ir-rikorrent messu kien previdenti u haseb sabiex ma *jinqabadx fuq sieq wahda* billi jeskludi *a priori* li l-Art.476(2) ma setax jigi applikat ghall-kaz tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghalhekk f`dan il-kuntest din il-Qorti ma ssib li kien hemm ksur tad-dritt ta-rikorrent ghal smigh xieraq.

“Din il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-ewwel punt. U cioe` in-*ne bis in idem.* Abbazi tad-dottrina u l-gurisprudenza diga` citata, din il-Qorti tghid bla esitazzjoni ta` xejn li fil-kaz tar-rikorrent ma kienx hemm ksur tad-dritt tieghu tutelat mill-principju tan-*ne bis in idem*. Il-fattispece tal-kaz kif jirrizultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ebda mod ma jaghtu wiehed x’jifhem li l-akkuza li minnha kien liberat rega` giet riattivata. Ir-*raison d`etre* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali qeghda hemm ghal min irid jifhimha u fil-konkluzjonijiet taghha dik il-Qorti ma vvjolatax id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq kostitwit minn ksur tal-principju tan-*ne bis in idem*. Dak li ghamlet dik il-Qorti ma kienx process gdid. Lanqas ma kien kaz ta` akkuzi ohra rizultanti mill-istess reat. U fuq

kollox lanqas imposizzjoni ta` piena gdida. Assolutament xejn minn dan kollu ! **<u>Kull ma sar minn dik il-Qorti kien li invokat l-applikazzjoni tal-Art.476(2) li kellha kull dritt taghmel bil-konsegwenza li halliet mhux mittiefsa il-piena inflitta lir-rikorrent kif kellha l-obbligu li taghmel</u>**. Dan kollu jassumi rilevanza fil-kuntest tal-fatt li r-rikorrent mhux qieghed jikkontesta l-imparzjalita` ta' l-imhallef kif ukoll fil-kuntest ta` dak sottomess mir-rikorrent stess meta huwa ighid li mhuwiex qieghed jiddisputa l-Art.476(2) bhala disposizzjoni tal-ligi u lanqas ma qieghed jiddisputa l-apprezzament tal-provi li sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz in kwistjoni.

"Anke ghar-raguni li anke wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-applikazzjoni tal-Art.476(2) il-piena nflitta baqghet kif kienet meta l-kawza kienet deciza mill-Ewwel Qorti, assolutament ma jaghmilx sens l-argument tar-rikorrent u lanqas huwa minnu illi huwa qieghed jiskonta sentenza ta` sentejn prigunerija llegalment. Is-sentenza ta` prigunerija li r-rikorrenti qieghed jiskonta mhix ir-rizultat ta` nuqqas ta` smigh xieraq fl-appell tieghu.

"Lanqas fil-mod kif kien meqjus mill-Qorti tal-Appell it-tieni aggravju tar-rikorrent dwar it-tielet akkuza din il-Qorti ma ssib li kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-fatt li fil-korp tas-sentenza ma ssirx riferenza ghal dak it-tieni aggravju izda ssir dik ir-riferenza fid-decizjoni b`ebda mod ma jfisser li l-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda widen jew konsiderazzjoni ghal dak li kien qed jinghad mir-rikorrent. Li certament rilevanti huwa l-fatt li dik il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa` l-appell tar-rikorrent. Din il-Qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonduciet il-procedura ta` l-appell tar-rikorrent u kif applikat il-ligi. Del resto fil-process gudizzjarju huwa l-gudikant li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-moderatur tal-proceduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanc bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli ghalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet taghhom, imma huwa wkoll moghti mil-ligi s-setghat u l-mezzi l-ohrajn kollha biex ikun jista' jizgura process gust u xieraq (ara - **<u>Vol. LXXXIV.i.417</u>**). U din il-Qorti tghid li hekk sar fil-kaz tal-lum."

**7.** Wara dawn il-konkluzjonijiet taghha l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-appell tar-rikorrent Luke Farrugia.**

**8.** L-appellant Luke Farrugia hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim’Awla tal-Qorti Civil tal-15 ta’ Frar 2011 u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors tal-4 ta’ Marzu 2011 fejn talab li s-sentenza appellata tigi revokata inkwantu ddikjarat illi ma rrizulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu bl-ispejjez kontrih, u minflok, tilqa’ l-ewwel talba tieghu billi tiddikjara li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Ottubru 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Luke Farrugia** gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu u senjatament id-drittijiet protetti mill-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-istess Konvenzjoni, tilqa’ t-tieni talba u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Ottubru 2010 fir-rigward tas-sejbien ta’ htija ghall-ewwel akkuza u konsegwentement tirrevoka l-piena ta’ habs imposta bl-istess sentenza, sussidjarjament tilqa’ t-tielet talba u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali limitatment sabiex jigi deciz il-parti tat-tieni aggravju fejn gie kontestat is-sejbien ta’ htija fir-rigward tat-tielet reat; u tilqa’ r-raba’ talba u taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**9.** L-aggravji ewlenin tal-appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1. L-ewwel Qorti ma ndirizzatx il-lanjanza tieghu li qatt ma nghata opportunita` li jiddefendi ruhu fuq l-akkuza ta’ serq;

2. Darba li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet illiberatu mill-akkuza ta' serq, u mhux astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha, u l-Avukat Generali ma kienx appella minn dik is-sentenza allura dik il-parti tas-sentenza kienet ghaddiet in gudikat. Ghalhekk meta l-Qorti tal-Appell Kriminali, minghajr ma kellha quddiemha appell mill-Avukat Generali sabet lill-imputat hati tal-istess akkuza li minnha hu kien gie definittivament u finalment liberat minnha, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali giet li kisret id-dritt fundamentali tal-appellant ghal *ne bis in idem*.

**Ir-risposta tal-appellat Avukat General**

**10.** L-Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell tal-appellant u s-sottomissjonijiet tieghu jistghu jigu riassunti kif gej:

1. Mhux minnu li l-ewwel Qorti ma ndirizzatx il-lanjanza tal-appellant li huwa ma nghatax opportunita` jiddefendi ruhu fuq l-akkuza ta' serq fl-istadju tal-appell. L-ewwel Qorti ezaminat jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setghetx tapplika l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali u kkonkludiet li setghet taghmel dan. Darba li l-Qorti tal-Appell setghet legalment tapplika l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, u peress li l-appell kien jikkoncerna wkoll il-mertu, allura l-appellant messu kien jaf li l-Qorti tal-Appell Kriminali setghet, fin-nuqqas ta' htija tar-reat ta' ricettazzjoni, issib htija tar-reat ta' serq. Ghalhekk l-appellant kellu kull opportunita` jittratta dwar dan quddiem il-Qorti tal-Appell.

2. Inkwantu ghall-allegat ksur tal-principju *ne bis in idem* il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ghamlet ebda process gdid jew kaz ta' akkuzi ohra rizultanti mill-istess reat u anqas kien hemm xi impozizzjoni ta' piena gdida. Kull ma ghamlet il-Qorti kien li semplicement applikat l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali kif kellha kull dritt taghmel u halliet mhux mittiefsa l-piena inflitta. Anqas dik il-Qorti ma rravvivat l-imputazzjoni ta' serq li kienet giet dedotta kontra l-appellant u minnha gie liberat izda fuq akkuza ta' ricetazzjoni sabitu minflok hati ta' serq kif kellha dritt

taghmel skont l-Artikolu 476(2) imsemmi. L-appellant kien ikollu ragun kieku l-Qorti tal-Magistrati kienet illiberatu kemm mill-imputazzjoni ta' serq kif ukoll mill-imputazzjoni ta' ricettazzjoni izda dan ma kienx il-kaz. Darba li l-Qorti kienet sabitu hati ta' ricetazzjoni l-Qorti tal-Appell, bis-sahha tal-Artikolu 476(2), kellha l-awtorita` kollha li minflok issibu hati ta' serq. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda ripetizzjoni ta' proceduri kriminali fuq l-istess reat izda biss procedura wahda li gie finalment determinat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk il-principju ta' *ne bis in idem* kien irrelevanti f'dan il-kaz.

**Fatti tal-kawza**

**11.** Fis-17 ta' Mejju 2006 l-appellat tressaq ma' ohrajn quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja imputat *inter alia*:

Talli fil-15 ta' Mejju 2006 ghall-habta tal-4.30pm fin-Naxxar ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857 li kien fiha senter tal-kacca, cinturin mimli bl-iskratac u affarijiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeccedi l-elf Lira (Lm1,000) ghad-dannu ta' Raymond Pirotta min-Naxxar; u
Talli fl-istess data bejn l-4.30pm u l-4.50pm, f'lokalitajiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe` l-vettura u l-affarijiet imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

**12.** Fit-tmiem il-kumpilazzjoni, b'nota ta' rinviju tal-15 ta' Frar 2007 l-Avukat Generali rrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex f'nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat, l-appellant odjern, tiddeciedi dwar ir-reati imputati lill-imputat fosthom ir-reat ta' serq aggravat (Artikolu 261(b)(c)(g) tal-Kodici Kriminali) u ta' ricettazzjoni (Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali).

**13.** Wara li giet trattata l-kawza il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ppronunzjat is-sentenza taghha fis-16 ta’ Ottubru 2009 li biha ddecidiet kif gej:

“Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-8 ta’ Marzu 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 325(1)(a), 334 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Luke Farrugia hati tat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-akkuza li kiser ordni ta’ probation impost fuqu permezz ta’ sentenza tas-6 ta’ Marzu 2005 u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.”

u ghaddiet biex ulterjorment tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-hatra tal-periti inkwantu ghal nofs kull wiehed.

**14.** L-appellant appella mis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghar-ragunijiet moghtija fl-appell tieghu talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel (u cioe` l-imputazzjoni ta’ serq) u r-raba’ akkuzi u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena, jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

**15.** Fil-11 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza taghha fuq l-appell imsemmi billi inkwantu ghall-appellant Luke Farrugia laqghet l-appell in parti l-appell tieghu u rriformat is-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tat-tieni akkuza u minnha lliberatu u minflok sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament ghas-serq ta’ senter, cinturin u mwies izda mhux tal-van u kkonfermatha fil-bqija fejn sabitu hati tat-tielet u s-sitt

imputazzjonijiet inkluza l-ghoti tal-piena ta’ sentejn prigunerija.

**Id-dispozizzjonijiet legali relevanti**

**16.** Huwa utili li qabel xejn jigu elenkati d-dispozizzjonijiet legali relevanti.

**16.1** L-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, applikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ma sabitx hati lill-appellant ta’ ricettazzjoni izda sabitu hati ta’ serq, jipprovdi hekk:

“**Artikolu 476 tal-Kodici Kriminali**

“(2) Jekk persuna, fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta’ xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta’ dik l-akkuża, il-ġuri jista’ jiddikjaraha ħatja ta’ misapproprjazzjoni ta’ dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta’ dan; u, reċiprokament, persuna fuq akkuża ta’ misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista’ tigi ddikjarata ħatja ta’ serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta’ l-oġġett involut jekk ikun hemm provi ta’ dan:

“Iżda l-piena ma għandha f’ebda każ tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att ta’ l-akkuża.”

**16.2** L-appellant, fir-rikors promotur tal-gudizzju invoka l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittjiet tal-Bniedem u ghalkemm ma specifikax xi paragrafu partikolari tieghu jidher li l-parti relevanti hija l-ewwel sentenza tas-subartikolu (1) tieghu li fih jinghad kif gej:

“**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

“(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta’ l-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi.”

**16.3** L-appellant invoka wkoll l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi ghall-principju ta' *ne bis in idem* u li fih jinghad kif gej:

"**Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll**
**Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn**

"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

"2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skond il-liġi u l-proċedura penali ta' l-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

"3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt lartikolu 15 tal-Konvenzjoni."

**16.4** Artikolu iehor tal-Konvenzjoni invokat mill-appellant huwa l-Artikolu 5 li l-partijiet tieghu relevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

"**Artikolu 5**

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.

" Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:

"(*a*) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

- omissis –“

**16.5** L-appellant allega wkoll vjolazzjoni tal-Artikoli 34, 39, u 39(9), tal-Kostituzzjoni li jikkorrispondu approssimament ghall-artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll fuq citati. Is-siltiet relevanti tal-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni jipprovdu kif gej:

**Il-Kostituzzjoni**

“**Artikolu 34**

“**34.** (1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista’ jkun awtorizzat b’liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri -

“(*a*) - omissis –

“(*b*) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta’ qorti, sew Malta sew band’oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;

**Artikolu 39**

“**39.** (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.

- omissis -

“(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa’ tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta’ qorti superjuri mogħti matul il-kors ta’ appell jew proċeduri ta’ reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta’ ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

- omissis –“

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Nuqqas ta' smiegh xieraq*

**17.** L-ewwel lanjanza tal-appellant jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell Kriminali li skont l-appellant ma kkunsidratx dak li l-appellant sejjah bhala t-tieni parti tat-tieni aggravju tieghu fejn kien qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza, u cioe' tal-pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u anqas tatu l-opportunita` li jiddefendi ruhu fuq l-akkuza ta' serq li minnha kien gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati.

**18.** Fl-ewwel lok ghandu jinghad li mill-qari tat-tieni aggravju tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu ma jirrizultax li dak l-aggravju fih xi l-ewwel u t-tieni parti ghaliex effettivament gie espost bhala aggravju wiehed li jiffoka preponderatament, jekk mhux addirittura eskluzivament, fuq ir-reat ta' ricetazzjoni. Fl-ewwel sentenza tieghu dan l-aggravju kif migjub fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali appena jaccenna ghar-reat ta' pussess tas-senter minghajr licenzja fejn jinghad:

"Illi <u>t-tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-provi fir-rigward tar-ricetazzjoni ta' l-oggetti l-ohra u fir-rigward tal-pussess jew kontroll tas-senter u l-munizzjon minghajr id-debita licenzja." (sottolinear tal-appellant)

**19.** Minn hemm 'il quddiem ir-reat ta' pussess ta' senter minghajr licenzja ma jissemma xejn izjed f'dan l-aggravju. Is-sottomissjonijiet dwar dan l-aggravju jkomplu billi jiddistingwu bejn l-elementi tar-reat ta' serq u dawk tar-reat ta' ricettazzjoni u ma jghidu xejn aktar dwar ir-reat ta' pussess ta' senter minghajr licenzja. Ghalhekk, l-appellant stess fl-aggravju kif espost minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ssoleva ebda kwistjoni separata mis-sottomissjonijiet tieghu dwar ir-reat ta' ricetazzjoni u kif dan hu distingwibbli mir-reat ta' serq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat dan l-aggravju hekk kif gie sottomess

fir-rikors tal-appell quddiemha u ghalhekk certament ma jistax jinghad li dik il-Qorti naqset milli tikkunsidra l-aggravju msemmi inkwantu ghar-reat ta’ pussess ta’ arma minghajr licenzja.

**20.** Di fatti f’dik il-parti tas-sentenza taghha fejn elenkat l-aggravji tal-appellant il-Qorti tal-Appell Kriminali rriproduciet il-parti saljenti tal-aggravju msemmi. Meta giet biex tikkunsidra l-provi dik il-Qorti kkonstatat li fid-data relevanti kienet giet intercettata l-vettura inkwistjoni li fiha nstab is-senter tal-kacca inkwistjoni u kkonstatat ukoll li kien irrizulta li l-vettura kienet misjuqa minn certu Malcolm Mifsud li magenbu kellu lill-appellant waqt li fuq is-*seat* ta’ wara kien hemm certu Alfred Bugeja li magenbu kellu s-senter inkwistjoni, xi cinturijn bl-iskratac u mwies. Il-Qorti kompliet tirrileva li l-appellant kien stqarr lill-pulizijia li kien ma’ Malcolm Mifsud meta dan gabar is-senter. Il-Qorti mbghad issoktat sabiex tezamina jekk il-provi kienux tali li jwasslu ghall-htija ta’ serq jew ghal htija ta’ ricetazzjoni u kkonkludiet li l-provi kienu bizzejjed sabiex tinstab htija sahansitra ta’ serq. Dan kien bizzejjed ghall-Qorti tal-Appell sabiex tikkonferma l-htija tal-imputazzjoni ta’ pussess ta’ arma u munizzjoni minghajr licenzja. Ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali mhux biss kkunsidrat l-aggravju msemmi tal-appellant izda tatu l-istess trattament li l-appellant tah fir-rikors tal-appell tieghu. Il-lanjanza ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq f’dan ir-rigward ghalhekk ma hix fattwalment u legalment fondata.

**21.** It-tieni lanjanza f’dan ir-rigward hija li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatx lill-appellant l-opportunita` li jiddefendi ruhu kontra l-imputazzjoni tas-serq.

**22.** Jibda biex jinghad li mir-rikors tal-appell tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta li d-difiza tal-appellant fir-rigward tal-vettura u l-oggetti li nstabu fiha kienet wahda: li ma hemm assolutament ebda prova li torbot lill-appellant mal-vettura inkwistjoni li allegatament giet misruqa minghand Raymond Pirotta u/jew mal-oggetti li nstabu fiha li dwarhom ma kien jaf xejn, tenut kont ukoll tal-fatt li l-vettura qatt ma nstabet fill-pussess tieghu filwaqt li l-oggetti l-ohra kien assuma r-responsabilta`

ghalihom il-ko-imputat Malcolm Mifsud. Din kienet id-difiza tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u kienet tiswa ghall-imputazzjonijiet kemm ta' serq kif ukoll ta' ricettazzjoni.

**23.** Inoltre, ma kien hemm xejn x'jippreklu di lill-appellant milli jaghmel kull sottomissjoni li deherlu li kellu jaghmel lill-Qorti tal-Appell dwar l-imputazzjoni ta' serq li minnha kien gie liberat u dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali. Jekk ma ghamilx tali sottomissjonijiet ghaliex assuma li l-artikolu msemmi ma kienx applikabbli, certament ma jirrizultax li kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali li inducietu f'tali assunzjoni jew li b'xi mod ippreklu dietu milli jaghmel dawk is-sottomissjonijiet. Fuq kollox il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet gia` precedentement ddecidiet illi l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali kien applikabbli minnha ghalkemm ma kienx esplicitament res applikabbli ghaliha[1].

**24.** Ghandu jigi rilevat li dak deciz fil-kaz **Pulizija v Diego Grixti**[2] ma kienitx xi innovazzjoni sorprendenti ghaliex aktar minn darba il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` li tapplika dispozizzjonijiet li jkunu esplicitament applikabbli ghal Qorti specifika ta' kompetenza kriminali ghal qrati ohra wkoll ta' kompetenza kriminali ghalkemm ma jkun hemm ebda dispozizzjoni legali li tirrendi l-istess dispozizzjonijiet applikabbli ghal dawk il-qrati l-ohra[3]. Kien hemm kazijiet fejn addirittura l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat ukoll dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili ghal qrati ta' kompetenza kriminali minkejja n-nuqqas ta' xi dispozizzjoni legali li kienet tirrendi dawk id-dispozizzjonijiet hekk applikabbli[4]. Ghalhekk, dak li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali meta applikat l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali kif emendat kien prevedibbli ghall-appellant li kellu kull opportunita` jindirizza l-

[1] App Kriminali Inferjuri Pulizija v Diego Grixti et., 1 ta' Dicembru 2008
[2] ibid
[3] Ara *inter alia* Rex v Edward Hilson Hall Vol. XXXI.iv.310; P v Saviour Chircop et., XXXI.iv.521; P v Angelo Grima Vol. XXXVI.iv.832; P v Paolo Calleja, Vol. XLIII.iv.929.
[4] Ara inter alia P v Joseph Cumbo Vol XLII.iv.1260; P v Dr. Carmelo Caruana et. XLII.iv.1444

applikabilita` o meno tal-istess artikolu ghall-kaz tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

**25.** Illi ghalhekk anqas minn dan l-aspett ma jista' jigi ritenut li kien hemm xi nuqqas ta' smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tal-appellant u ghalhekk ma tirrizulta ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

*Non bis in idem*

**26.** L-appellant jallega wkoll li fil-konfront tieghu kien hemm vjolazzjoni tal-principju *non bis in idem* u konsegwentement vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**27.** L-Artikolu 39(9) ma jippermettix li persuna li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u li tkun giet misjuba hatja jew liberata terga' tghaddi <u>proceduri</u> ghal dak ir-reat. L-istess subartikolu jipprovdi ghal zewg eccezzjonijiet fejn dan hu permess u cioe` (1) fi proceduri wara ordni ta' Qorti superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew (2) fil-kors ta' proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni. Ma hemmx dubbju li s-sejbien tal-htija ta' serq li ddikjarat il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tinkwadrax fl-ewwel eccezzjoni ghaliex ma kienitx sejbien ta' htija fi proceduri li saru "wara ordni ta' Qorti superjuri moghti matul il-kors ta' appell." Il-proceduri ta' revizjoni li ghalihom taghmel riferenza t-tieni eccezzjoni ma hemmx dubbju li logikament jridu jkunu jirrigwardaw id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni <u>tar-reat li tieghu l-persuna kienet giet precedentement misjuba hatja jew mhux hatja</u>[5]. Izda, l-

[5] It-test ingliz tad-dispozizzjoni in kwistjoni jipprovdi: "*No person who shows that he has been tried by any competent court for a criminal offence and <u>either convicted or acquitted</u> shall again be tried for that offence or for any other criminal offence of which he could have been convicted at the trial <u>for that offence</u> save upon the order of a superior court made in the course of appeal or review proceedings relating to <u>the</u> conviction or acquittal;…"* (sottolinear tal-Qorti).

proceduri li kellha quddiemha l-Qorti tal-Appell Kriminali kienu proceduri ghar-revizjoni tad-dikjarazzjoni ta’ htija tar-reat ta’ ricettazzjoni  mentri ma kellha quddiemha ebda proceduri ghar-revizjoni tad-decizjoni li ddikjarat lill-appellant mhux hati tar-reat ta’ serq. Ghalhekk din l-ahhar decizjoni kienet ghaddiet in gudikat ghaliex ma sar ebda appell minnha u ma saru ebda proceduri ghar-revizjoni taghha fi grad ta’ appell. Isegwi li l-proceduri fl-appell anqas kienu jinkwadraw fit-tieni eccezzjoni fuq imsemmija. Peress li l-proceduri *de quo* fl-appell ma kienux jinkwadraw f’ebda wahda mill-eccezzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni allura dawk il-proceduri fl-appell, inkwantu li l-konkluzjoni taghhom kienet is-sejbien ta’ htija ta’ reat li tieghu l-appellant kien gia` b’decizjoni finali precedenti u li ghaddiet in gudikat gie dikjarat mhux hati u lliberat, kienu jirrientraw fil-projbizzjoni mahsuba fl-istess dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni.

**28.** Meta l-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha hija sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni ta’ serq u minnha lliberatu. L-Avukat Generali ma appellax minn dik is-sentenza b’tali mod li meta l-appell tal-appellant gie sabiex jigi kkunsidrat u deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati sa fejn illiberatu mill-imputazzjoni ta’ serq kienet saret wahda finali u ghaddiet in gudikat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, ghalhekk, ma setghetx terga’ tiftah il-process fuq l-imputazzjoni ta’ serq li l-process dwarha kien inghalaq bis-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati minghajr ma tikser il-principju ta’ *ne bis in idem*. Ghalhekk, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell tat tal-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali u kif applikatu fil-kaz tal-appellant kien bi vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet fuq msemmija.

**29.** Qieghed jigi pprecizat li l-Artikolu 476(2| tal-Kodici Kriminali ma hux jigi dikjarat li huwa in vjolazzjoni tal-artikolu msemmi tal-Kostituzzjoni (jew tal-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzoni, kunsidrat aktar tard f’din is-sentenza) u dan ghaliex ma hemm xejn fit-termini tal-istess artikolu li necessarjament jimplika li ghandu jigi applikat anki meta l-persuna akkuzata tkun gia` giet b’decizjoni li ghaddiet in gudikat misjuba hatja jew liberata

tar-reat ta’ serq jew ricettazzjoni li tieghu l-persuna akkuzata tkun tista’ tinstab hatja bl-applikazzjoni tal-istess dispozizzjoni. Di fatti l-istess artikolu ma jistax jinqara *in vacuo* izda jrid necessarjament jinqara’ fid-dawl tal-Artikolu 527 tal-istess Kodici li jipprovdi li “Wara sentenza li f’kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra.”[6] Huwa minnu li dan l-artikolu jitkellem dwar “kawza ohra“ izda dan l-istess artikolu jrid necessarjament jinqara fid-dawl tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u t-tifsira ta’ “kawza ohra“ fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali trid tkun mdawwla mit-tifsira li nghatat lill-istess dispozizzjoni kostituzzjonali f’din is-sentenza.

**30.** Inkwantu ghall-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni, ghalkemm il-lingwagg u l-istruttura tal-Artikolu msemmi hi kemmxejn differenti mill-istruttura u l-lingwagg tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, il-fattispeci tal-kaz tal-lum ma jirrikjedux konsiderazzonijiet diversi minn dawk li gia` saru in relazzjoni mal-artikolu relevanti tal-Kostituzzjoni. Fil-kaz tal-lum il-htija dikjarata mill-Qorti tal-Appell kienet tal-istess reat identiku li minnu l-appellant kien gie definittivament u finalment liberat bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li kienet ghaddiet in gudikat. Di fatti fid-decide tas-sentenza taghha tal-11 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li “minflok issibu (lil appellant Luke Farrugia) hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament pero` ghas-serq ta’ senter, cinturin, u mwies izda mhux tal-van.” L-ewwel imputazzjoni hi precizament l-imputazzjoni li minnha il-Qorti tal-Magistrati kienet illiberat lill-appellant. Ghalhekk il-procedura fil-Qorti tal-Appell Kriminali li wasslet ghal dik id-dikjarazzjoni ta’ htija u kundanna kienet tirrientra fil-projbizzjoni tal-Artikolu 4(1) tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni peress li l-eccezzjonijiet previsti fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu ma humiex applikabbli ghaliha. Ghaldaqstant is-sejbien ta’ htija dikjarata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha msemmija kienet bi vjolazzjoni tal-Artikolu 4(1) tas-

---

[6] It-test Ingliz jipprovdi: *“Where in a trial, judgment is given acquitting the person charged or accused, it shall not be lawful to subject such person to another trial for the same fact.”*

Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

*Arrest Arbitrarju*

**31.** L-appellant jilmenta wkoll minn arrest arbitrarju bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**32.** Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li hu diskutibbli kemm dan l-ilment kellu jigi indirizzat fil-konfront biss tal-Avukat Generali tenut kont li l-appellant jinsab attwalment detenut mid-Direttur tal-Habs. Izda ma giet sollevata ebda eccezzjoni f’dan is-sens u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar dan l-aspett tal-kwistjoni.

**33.** Fil-kuntest tal-Kostituzzjoni, il-fatti tal-kaz odjern jaqghu biex jigu kunsidrati taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 34(1)(b) taghha. Ma hux kontestat li dik il-parti tal-perjodu tad-detenzjoni tal-appellant wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li kienet tirrigwarda s-sejbien ta’ htija tal-ewwel imputazzjoni ta’ serq (ghaliex il-Qorti tal-Appell ikkominat piena komplessiva ghall-htija li rriskontrat kemm tal-ewwel imputazzjoni izda wkoll tat-tielet imputazzjoni u tal-ksur tal-*probation*) kienet detenzjoni “fl-esekuzzjoni tas-sentenza...ta’ Qorti...dwar reat kriminali li tieghu jkun gie misjub hati” u ghalhekk id-detenzjoni inkwistjoni potenzjalmet hi gustifikabbli taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali. Izda sabiex dik id-detenzjoni tkun hekk gustifikata trid ukoll tottempra mal-kundizzjonijiet previsti fis-subartikolu (1) u cioe` trid tkun “kif jista jkun awtorizzat b’ligi.” Issa gia` rrizulta lil din il-Qorti, meta kkunsidrat l-allegazzjoni ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, li dik id-detenzjoni ma kienitx effettivament awtorizzata b’ligi kemm ghaliex l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, korrettement interpretat u applikat meta abbinat mal-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, kien jipprekludi lill-Qorti milli ssib htija tar-reat ta’ serq u konsegwentement milli taghti piena ta’ prigunerija ghall-htija ta’ dak ir-reat; kif ukoll ghaliex, kif gia` gie stabbilit, dik is-sejbien ta’ htija u konsegwenzjali detenzjoni kienet bi vjolazzjoni tal-Artikolu

39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni migjub fl-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**34.** Similment, dak il-perjodu ta' prigunerija komminat ghall-htija tar-reat tas-serq ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li jirrikjedi li biex d-detenzjoni tkun gustifikata skont dak il-paragrafu dik id-detenzjoni trid tkun "skond il-ligi". Gia` rrizulta li l-parti relevanti tal-perjodu ta' prigunerija inkwantu msejsa fuq is-sejbien ta' htija tal-imputazzjoni ta' serq ma kienitx skont il-ligi dik il-parti tal-piena ma tikkwalifikax biex tkun gustifikata taht ebda paragrafu iehor tal-artikolu msemmi.

**35.** Ghaldaqstant dik il-parti tas-sentenza ta' prigunerja ghal sentejn komminata ghall-htija tal-appellant ghar-reat ta' serq tikser l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea migjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319.

*Rimedju*

**36.** L-appellant bhala rimedju qieghed jitlob (1) ir-revoka ta' htija ghall-ewwel akkuza u r-revoka tal-piena ta' habs imposta bis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2010 (2) sussidjarament li din il-Qorti tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jigi deciz "il-parti tat-tieni aggravju fejn gie kontestat is-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tielet reat" (3) li din il-Qorti tilqa' r-raba' talba u taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamental u kostituzzjonali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

**37.** Peress li din il-Qorti ma sabet ebda ksur in konnessjoni mas-sejbien ta' htija tat-tielet reat jew imputazzjoni ma hemm ebda rimedju x'jigi provdut minn din il-Qorti dwar dan l-ilment li rrizulta nfondat.

**38.** Inkwantu ghat-talba ghar-revoka ta' htija u r-revoka tal-piena ta' habs imposta bis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2010 din il-Qorti ma tistax taghti dan ir-rimedju kif mitlub kemm ghaliex ma hix Qort ta' Appell mis-sentenza

msemmija tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll ghaliex ir-rizultanzi ta' din il-Qorti ma jaghtux lok li l-piena kollha ta' habs tigi mhassra peress li din il-Qorti ma sabet ebda vjolazzjoni inkwantu l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat il-htija ghar-reat ta' pussess ta' arma u munizzjon minghajr licenzja u l-htija ghall-ksur tal-*probation*.

**39.** Izda, in vista tal-fatt li in konnessjoni mal-parti tas-sentenza msemmija fejn sabet htija tal-ewwel imputazzjoni ta' serq u kkonfermat il-piena ta' prigunerija ghal sentejn, din il-Qorti rriskontrat vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39(9) tal-Kostituzzjoni, u tal-Artikoli 5 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u 4 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni, din il-Qorti ser tipprovdi r-rimedju infraskritt wara li tiehu konsiderazzjoni tal-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali sabet htija mhux biss tal-imputazzjoni ta' serq li in konnessjoni maghha din il-Qorti rriskontrat il-vjolazzjonijiet msemmija izda sabet ukoll htija tat-tielet imputazzjoni ta' pussess ta' arma u munizzjoni minghajr licenzja u tal-ksur tal-*probation* li in konnessjoni maghhom din il-Qorti ma rriskontrat ebda vjolazzjoni.

**40.** Jigi rilevat li l-Qorti tal-Appell Kriminali halliet inalterata l-piena ta' sentejn prigunerija li kienet giet imposta mill-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk jidher li l-hsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali kien li ghar-reat ta' serq li tieghu sabet htija tikkommina l-istess piena li kienet giet imposta mill-Qorti tal-Magistrati ghar-reat ta' ricettazzjoni. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlitha cara li "L-imputat Luke Farrugia huwa qed jigi kkundannat ghar-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenza fejn inghata ordni ta' *probation* u l-piena li qed tigi imposta fuqu fis-sentenza odjerna tinkludi l-piena ghal dawk ir-reati." Luke Farrugia, ghalhekk, ghall-htija tieghu tar-reat ta' ricettazzjoni, pussess ta' arma u munizzjon minghajr licenzja u ghar-reati li dwarhom kien tqieghed taht probation, inghata l-piena ta' sentejn prigunerija. Malcolm Mifsud, min-naha l-ohra, ghall-htija tar-reat ta' ricettazzjoni u pussess ta' arma minghajr licenzja inghata piena ta' prigunerija ta' 12-il xahar. Fil-konfront tat-tnejn gie applikat l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk id-differenza ta' sena prigunerija aktar li inghatat lill-appellant jidher li

kienet intiza mill-Qorti tal-Magistrati, u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ghall-htija tal-appellant tar-reati li dwarhom tqieghed taht probation. Peress li din il-Qorti ma rriskontrat ebda vjolazzjoni in konnessjoni mal-htija ghar-reat ta’ pussess ta’ arma u munizzjon minghajr licenzja l-htija ghall-ksur tal-*probation* tibqa’ valida u mhux mittiefsa u ghalhekk il-perjodu ta’ sena prigunerija li jifforma parti mill-piena ta’ sentejn prigunerija imposta mill-ewwel Qorti ghandu jibqa’ in vigore.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa’ in parte l-appell tal-appellant u tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn cahdet dik il-parti tal-ewwel talba tal-appellant li bih talab lill-Qorti tiddikjara li bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Ottubru 2010 gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fl-Artikolu 39 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-rigward ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq u thassaraha fil-bqija u minflok (2) tiddikjara li bis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell Kriminali gew lezi id-drittijiet sanciti bl-Artikolu 34 u 39(9) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikoli 5 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u 4 tas-Seba’ Protokoll tal-istess Konvenzjoni (3) tiddikjara minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Ottubru 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Geoffrey Azzopardi) vs Omissis Malcolm Mifsud u Luke Farrugia** biss f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament ghas-serq ta’ senter, cinturin u mwies (4) tiddikjara li s-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tkompli jkollha effett fil-bqija b’dan li l-perjodu ta’ sentejn prigunerija kkonfermat b’dik is-sentenza bhala piena fil-konfront tal-appellant ghandu jitnaqqas ghall-perjodu ta’ sena prigunerija.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu inkwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-appellant u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------